XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 5**
**12 ta' Gunju 2013 fis-7:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Dr Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Minuti 454**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3 u 4 kienu tqassmu ftit qabel u għalhekk ma setgħux jiġu approvati.

2. **Approvazzjoni tal-Management Letter**

   Il-Management letter u r-risposta inqraw u ġew approvati.

3. **MIP**

   Kien hemm prezenti John Saliba, Pierre Cauchi u Franco Saliba għal laqgħa. John Saliba irringrazzja lil Kunsill ta' l-ghajnuna taghhom. Hu issugerixxa li l-parti ta l-art bejn it-Triq ta' l-entratura ghal Zona industrijali u is-substation tizdied mal-parti bl-ahmar fuq is-site plan u tigi ukoll transferita lid-dipartiment tal-artijiet. Is-Segretarja ghandha taghmel kuntatt mal-Perit inkarigat rigward dan.

4. **<u>Kuntratt tal-Gbir ta' l-iskart Riċiklabbli</u>**

Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li l-Kuntratt skada u li z-zewg Kumpaniji Green MT u Green Pak bagħtu l-kundizzjonijiet godda taghhom. Il-Kunsilliera qablu li jaraw l-kundizzjonijiet tat-tnejn sew u tigi diskussa fil-laqgha li jmiss. Is-Segretarja ghandha tibghat e-mail lil Kunsilliera kollha.

5. **Fiori D'Argenta 2013**

Is-Sindku infurma lil Kunsill li il-Gimgha 14 ta Gunju gie issuġġerit li jkun hemm l-ikla tradizzjonali mill-ghaqda tan-Nar u x-Xewkija Tigers FC, talent lokali u mistieden specjali Cash and Band. Is-Sibt 15 ta' Gunju The Run Band, DJ Alfie Fabri, Melanie Zammit, Gianluca Bezzina u Keith & Christophe min Fellow Fish, l-akbar torta tradizzjonali tal-Bajtar ta' San Gwann u loghob ghat-tfal. Il-Hadd 16 ta' Gunju Defile taz-Zwiemel imexxi mill Banda tal-Boyscouts tal-Mosta, wirja tal-Karozzi, wirja tal-Falkuni, sahtek l-ewwel, diversi folk groups u loghob ghat-tfal. Il-Kunsill qabel mal-program.

6. **Progett Measure 313**

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Perit Lino Bianco ma ridx jibqa' aktar il-perit fuq dan il-progett u li ser jibghat change of architech form lil Perit John Saliba.

7. **Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Dr. Monica Vella staqsiet jekk ir-rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienx tlesta. Is-Sindku qaliha li l-Accountant Joe Cordina qed jaħdem fuqhom. Il-Vici Sindku qalet li la ma kienx ghadu lest ma qablitx li jsir approvazzjoni tal-kontijiet u li tibqgħa mad-decizjoni tagħha li sa x'hin issir ir-rendikont m'għandhomx jitgħaddew il-kontijiet. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera l-oħrajn ma qablux ma' dan u approvaw l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti. Dr. Monica Vella kompliet tghid li ma taqbilx li jitghadew kontijiet li ma kienetx taf bihom. Is-Sindku qal illi l-kontijiet li qed jigu mgħoddijin kulhadd jaf bihom u ma jara l-ebda raguni ghaliex dawn m'ghandhomx ghalfejn jithallsu kif qablu ukoll il-bqija tal-Kunsilliera.

Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li hemm cekk ghandu mhux iffirmat minn zmien il-Kunsill ta' qabel tal-performance bonus ta' Karmenu Grima. Il-Vici Sindku ma taqbilx li ghandu jithallas peress li dan ma dahalx PQ fil-hin u il-Kunsill gie immultat multa. Il-qbija tal-Kunsill qabel li wara li dejjem ta servizz efficenti b'onesta u dedikazzjoni dan irrizulta li kien zbal genwien u ma jfisirx illi ghandu ibati l-konsegwenzi li ma jiehux il-performance bonus. Il-Kunsill qabel ukoll li perezz li f'minuti precidenti l-performace bonus gie approvat mill-bqija tal-Kunsilliera ghandu jithallas.

8. **<u>Kwotazzjonijiet</u>**

Il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda ta' l-akkomadazzjoni ghal l-istudenti li ser ikunu jahdmu f'Mgarr ix-Xini Regional Park għal perjodu bejn it-22 ta' Lulju 2013 u t-2 ta' Awissu, 2013:-

St Joseph Hostel 23.25euro per person per night FB VAT included

Il-Kunsill ghazel din il-Kwotazzjoni

9. **<u>Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**

**Mill-Korrispondenza**

i. Ittra mingħand il-Kultura rigward tqassim ta' kotba fil-Klassijiet year 4 u 5 bi prezz ta 2.85 euro il-wiehed fl-okkazzjoni ta' Sette Giugno. Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas dan l-amount.

ii. E-mail minghand ir-Regjun ta' Ghawdex dwar min ser jibqa' jattendi l-laqghat tar-Regjun. Il-Kunsill qabel li ghandu jattendi s-Sindku.

iii. E-mail minghand Clifford Vella rigward pubblikazzjoni gdida minnu stess. Il-Kunsill qabel li ghandu jixtri erba' kotba.

iv. Memo 9/2013 dwar Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghal-Korsijiet tal-life long learning 2013-14.

v. PQ numru 1441 dwar jekk il-Kunsill Lokali hux accessibbli ghal-kulhadd.

vi. PQ numru 1446 dwar kemm nefaq kull kunsill lokali matul is-sena 2012.

vii. PQ numru 1842 dwar liema xogholijiet saru mill-Kunsilli lokali tas7,9,11 u 12-il distrett.

viii. Ittra minghand ix-Xewkija Tigers FC dwar il-laqgha Generali Annwali

ix. Ittra minghand il-Kunsill Skolastiku dwar laqgha biex jigu diskuzzi diversi punti. Il-Kunsill qabel li ghandha issir laqgha.

x. Korrispndenza minghand il-MEPA dwar il-latrina fil-Gnien ta' Blankas.

xi. E mail minghand George Azzopardi rigward ftehim bil-miktub bejn il-Kunsill Lokali Sannat u l-Kunsill Lokali Xewkija dwar il-progett ta' Mgarr ix-Xini Regional Park. Il-Kunsill qabel mal-ftehim u ghandu jiffirmah.

xii. Ittra minghand l-Av. Vincent Galea ghan-nom ta' TM dwar Triq San Bert. Il-Kunsill ser jiehu parir fuqha.

xiii. Ittra minghand id-Direttur Carmel Abela dwar Lease Agreement for Gnien ta' Blankas (Re Planning Applications PA1343/12, PA2412/12 and tracking number 145325)

XEWKIJA

xiv. Ittra minghand Josephine Magro rigward li ma taqbilx mal-kamra tal-lift fuq il-Latrina Publika fil-Pjazza San Gwann Battista. Il-Vici Sindku staqsiet jekk il-Perit Saliba kienx gab l-ispecifications tal-bibien interni. Is-Segretarja ghandha taghmel kuntatt mieghu.

xv. Il-Kunsill ircieva suggerimet biex isiru bandli ghal persuni b'dizabilita', trabi u bandli normali perezz li kien hemm qabel gew imkissra. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg kwotazzjoni fuq dawn.

xvi. Il-Kunsill issugerixxa li l-photocopier ghandha tinbiddel jew tigi leased peress li qed taghmel il-kopji difettuzi. Il-Kunsill qabel li jigbor kwotazzjonijiet.

xvii. Stediena minghand il-Kumitat tat-Tigrija biex il-Kunsill jipprezenta it-tazzi fit-Tigrija Tradizzjonali ta' San Gwann. Huma talbu ghajnuna minghand il-Kunsill ghal din l-attivita'. Il-Vici Sindku ma qablitx peress li s-sena l-ohra il-Kunsill kien lest li jhallas l-insurance ta' l-attivita u huma ma hadux sehem fl-attivita' ta' Qtugh ir-Ras ta' San Gwann. Il-Kunsilliera l-ohrajn kollha qablu li tithallas l-insurance ghal din l-attivita'.

xviii. Il-Kunsill ircieva talba minghand is-Socjeta Filarmonika Prekursur biex il-Programm Vokali u Strumentali jsir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija. Il-Vici Sindku ma qablitx ghax qalet li meta kien hemm il-laqgha mas-Socjeta Filalrmonika Prekursur kien gie diskuss li ser jigi diskuss waqt il-laqgha tal-kunsill u mhux wara li jinhargu l-inviti. Is-Sindku qal li meta saret il-laqgha mas-Socjeta' Filarmonika Prekursur kien hemm qbil li l-ghajnuna tmur ghal din l-attivita' l-programm Vokali u Strumentali bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali minflok fid-defile taz-zwiemel. Il-Kunsilliera l-ohra kollha qablu fuq dan.

## 10. <u>Ilmenti u Suġġerimenti</u>

**i.** Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li marret il-Kumpanija ta' Hilite fuq il-Latina tal-Hamrija rigward is-solar water heater. Huma taw lis-segretarja ritratti tas-sitwazzjoni u qalulha li t-tank maqsum u ma jisewiex. Il-Kunsill iddecieda li peress li dan ma ilux hafna imwahhal ghandha tintbghat ittra lil kumpanija ghal spjegazzjoni.

**ii.** Il-Kunsilliera George Zammit gibed l-attenzjoni li hemm bzonn zewg bankijiet fi Triq il-Hamrija quddiem is-supermarkets. Il-Kunsillier Domenic Zerafa gibed ukoll l-attenzjoni li hemm bzonn ta' zewg bankijiet ohra fejn il-Kappella tal-Hniena. Il-Kunsill iddecieda li hemm bzonn tinhareg kwotazzjoni ghal xiri ta' bankijiet. Is-Segretarja ghandha tiehu hsieb tohrog kwotazzjoni.

**iii.** Il-Kunsill ircieva suggeriment rigward bzonn ta' bins fil-Pjazza San Gwann Battista. Il-Kunsill iddecieda li tinhareg kwotazzjoni ghal dawn. Il-Vici Sindku issugerit li jsiru b'asthray fuq. Is-Segretarja ghandha tiehu hsieb tohrog kwotazzjoni.

**iv.** Il-Kunsillier Domenic Zerafa gibed l-attenzjoni biex issir zebra crossing fi Triq il-Hamrija hdejn is-supermarkets. Is-Segretarja ghandha taghmel suggeriment bil-customer care peress li din Triq arterjali.

**v.** Is-Sindku gibed l-attenzjoni li hemm bzonn ta’ patching fi Triq Majmuna. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir. Il-Kunsill George Zammit gibet l-attenzjoni li hemm bzonn ukoll ta’ zrar fi Triq Rotonda. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li resident li joqod hemm ma jridx zrar peress li qal li t-Triq hija privata. Is-Segretarja ghandha tibghat ittra lid-dipartiment ta’ l-artijiet biex tara jekk din it-triq hijiex privata jew le.

**vi.** Il-Kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni li fid-29 ta’ Mejju ircieva telefonata rigward il-pavimentar fl-area tal-Hamrija. Hu qal li dan il-persuna dejjem ikun ser jaqa’ u li l-bankini mhux maghmulin ghan nies izda ghal-karozzi.

**vii.** Ilment minghand John Azzopardi dwar biex issiru kaptelli fuq il-gandott li hemm bejn il-JCR u ic-cimiterju ta’ Sannat. Il-Kunsill ghandu jara fuq din is-sitwazzjoni.

**viii.** Il-Kunsillier George Zammit gibed l-attenzjoni li qed ikun hemm hafna hmieg tal-annimali fit-toroq. Il-Kunsill qabel li ghandhom issiru tabelli u li jitqassmu avvizzi fid-djar rigward dan.

**ix.** Il-Kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni dwar id-dawl tal-Kupla. Il-Kunsill iddecieda li ghandha tintgħalab kwotazzjoni minghand Galea and Curmi rigward dan.

**x.** Ilment minghand Victor Galea rigward biex titqaxxar it-Triq St Mary wiesa ta’ paver. Is-Segretarja ghandha terġgħa taghmel kuntatt mal-Perit Saliba rigward dan biex jaghtina l-opinjoni tieghu.

xi. Ilment minghand Pauline Pace rigward biex ma jaghdux vetturi kbar min Triq Elizabetta hlief biex jaghtu servizz. Il-Kunsill ser jara fuq dan.

xii. Il-Kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni li l-area bejn Triq Canga u Triq il-Hamrija perikuluza hafna. Is-Segretarja ghandha tibghat bil-customer care rigward dan.

## 11. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fil-12:30 a.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

XEWKIJA